# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 41/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Edel Mary Camilleri)

vs

**Matthew De Giorgio**

iben George, imwieled Pieta', fil-11 ta' April, 1983, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 15583(G)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Matthew De Giorgio quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Nhar is-07 ta' Settembru 2014, għall-ħabta tal-05:20hrs u fil-ħin ta' qabel, ġewwa *Club Phoenix*, li jinsab ġewwa *Gianpula Discotheque*, sitwat ġewwa Triq Gianpula L/O Żebbuġ Malta:

1. Bħala diretturi, managers, segretarji jew uffiċċjali oħra simili ta' korp, għaqda jew li kont tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga u cioe' f'isem Elvaston Co. Ltd., ma eżerċitajtx id-

diligenza kollha xierqa biex tevita l-għemil ta' reat u cioe' talli ppermettejt lil min iħaddem loudspeaker, grammafon, amplifikatur jew strument ieħor bħal dawn jew nkella ħallejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija b'mod li kienet tinstema' minn bara l-post u/jew li jdejqu lid-detenturi jew nies li joqgħodu fil-qrib Kap 10 Sec41(1), Kap 249 Art 13 u Kap 9 Art 18;

2. U aktar talli ppermettejt li jinżamm l-imsemmi post miftuħ wara l-ħin ta' l-għeluq u mhux skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja ta' l-imsemmi post Kap 10 Art 41 u Kap 249 Art 13;

3. U aktar talli bil-lejl ksirt il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor Kap 9 Sec 338(m);

4. U aktar talli m'obdejtx l-ordnijiet leġittimi ta' awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallejtx jew fixkilt minħabba d-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor bla jedd indħalt fi dmiru billi ma ħallejtx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew li seta jagħmel jew billi ġibt fix-xejn jew ħassart dak li ħaddieħor għamel skond il-liġi Kap 9 Sec 338 (ee).

Il-Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena applikabbli tordna illi l-liċenzja tal-imsemmi fond tiġi miżmuma għal dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq jew inkella tissospendi għal xi żmien fid-diskrezzjoni tagħha, u dan skond l-Artikolu 320 tal-Kapitolu 10 u l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-l-Artikoli 18 u 338(m)(ee) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 41 (1) tal-Kapitolu 10 u l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u ma sabitx lill-imputat MATTHEW DE GIORGIO ħati tal-akkużi u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fis-27 ta' Jannar, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Matthew De Giorgio ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement tinfliġġi fuqu l-pieni u sanzjonijiet kontemplati mill-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

ILLI fit-28 ta' Jannar 2015 l-esponent Avukat Generali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu manifestament aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta lliberat lill-appellat abbażi ta' konsiderazzjoni għal kollox skorretta u żbaljata;

ILLI l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-appellat unikament u esklussivament abbażi tal-konsiderazzjoni li l-prosekuzzjoni ma ġabitx prova li l-appellat kien Direttur jew kellu xi kariga fis-soċjeta' *Elvaston Co. Ltd.* – konsiderazzjoni msejsa fuq ipoteżi żbaljata tal-liġi, u, senjatament, tal-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta;

ILLI **<u>għal dak li jirrigwarda l-Ewwel (1) imputazzjoni</u>**, l-appellat Matthew De Giorgio ġie akkużat talli *"bħala diretturi, managers, segretarji jew uffiċjali oħra simili ta' korp, għaqda* ***jew li kont tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga u cioe' f'isem Elvaston Co. Ltd.,*** *ma eżerċitajtx id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-għemil ta' reat u cioe' talli ppermettejt lil min iħaddem loudspeaker, grammafon, amplifikatur jew strument ieħor bħal dawn jew nkella ħallejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija b'mod li kienet tinstema' minn bara l-post u/jew li jdejqu lid-detenturi jew nies li joqgħodu fil-qrib".* Għal dak li jirrigwarda l-Ewwel imputazzjoni, l-appellat ġie akkużat mhux fil-vesti tiegħu personali, iżda bħala direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor ta' Elvaston Co. Ltd, **jew bħala persuna li kien jidher li qiegħed jaġixxi f'dik il-kariga**. Issa, huwa nkontestat mill-provi, saħansitra afferrat mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, li dakinhar ta' l-akkadut, u cioe' nhar is-7 ta' Settembru 2014, l-appellat Matthew De Giorgio mhux biss kien is-*substitute* reġistrat ta' l-istabbiliment *de quo*, iżda wkoll li kien hu li ppreżenta ruħu bħala l-persuna responsabbli meta l-Uffiċjali tal-Pulizija staqsew speċifikatament għal min kien responsabbli mill-istabbiliment. L-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li l-prosekuzzjoni ma ġabitx prova li nhar is-7 ta' Settembru 2014, l-appellat Matthew De Giorgio kien Direttur tas-soċjeta' *Elvaston Company Limited*, u dana għaliex iċ-ċertifikat ippreżentat minn rapprezentanta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, a fol. 33 ta' l-atti proċesswali, juri li l-appellat Matthew De Giorgio kien wieħed mid-Diretturi tas-soċjeta' msemmija dakinhar li nħareġ iċ-ċertifikat (fl-1 ta' Diċembru 2014) u ma jitkellem xejn dwar jekk l-appellat kienx Direttur jew le nhar is-7 ta' Settembru 2014.

ILLI filwaqt li dan huwa minnu, u cioe' li ċ-ċertifikat imsemmi, datat l-1 ta' Diċembru 2014, jiddikjara 'sempliċiment' li l-appellat Matthew De Giorgio, huwa Direttur tas-soċjeta' *Elvaston Company Limited*, mingħajr ma jispeċifika jekk dan kienx japplika wkoll għal nhar is-7 ta' Settembru 2014, mill-provi joħroġ ċar daqs il-kristall, u daqstant ieħor inkontestat li meta dakinhar tas-7 ta' Settembru 2014 il-Pulizija staqsew għall-persuna responsabbli, l-appellat Matthew De Giorgio, li kien fuq il-post u li huwa s-*substitute* liċenżjat tal-post, ippreżenta ruħu bħala l-persuna responsabbli, tkellem mal-Pulizija, u addirittura pprova jiġġustifika l-aġir tas-soċjeta' li kienet qed topera l-istabbiliment.

ILLI l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Meta xi reat… isir minn korp jew għaqda ta' persuni… kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju, jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda,* ***jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga****, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat".*

ILLI f'dan il-każ huwa nkontestat li l-liċenzja ta' l-istabbiliment *de quo* tgħajjat lis-soċjeta' *Elvaston Company Limited*, korp ġuridiku. Minkejja li ma tressqitx prova dokumentarja konklussiva li turi li nhar is-7 ta' Settembru 2014, l-appellat kien Direttur tas-soċjeta' in kwistjoni, tressqu provi ċari, inekwivoċi, u mhux kontradetti b'ebda mod, li dakinhar tas-7 ta' Settembru 2014 l-appellat Matthew De Giorgio mhux biss **kien jidher** li qiegħed jaġixxi f'dik il-kariġa, iżda addirittura ppreżenta lilu nnifsu huwa stess bħala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment dakinhar. Inoltre l-appellat kien fiżikament fuq il-post u żżur li ma rnexxielux jipprova li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tiegħu u li huwa eżerċita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-egħmil tar-reat. Għall-kuntrarju huwa pprova jiġġustifika l-aġir tiegħu mal-Pulizija.

ILLI għaldaqstant, fl-umli fehma ta' l-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ddeċidiet li tillibera lill-appellat Matthew De Giorgio abbażi tal-fatt li ma

tressqitx prova konklussiva li nhar is-7 ta' Settembru 2014 l-appellat kien Direttur tas-soċjeta' *Elvaston Company Limited*.

ILLI **għal dak li jirrigwarda t-Tieni (2), it-Tielet (3), u r-Raba' (4) mputazzjonijiet**, l-appellat Matthew De Giorgio ma ġiex akkużat bħala direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor ta' Elvaston Co. Ltd, jew bħala persuna li kien jidher li qiegħed jaġixxi f'dik il-kariga, iżda fil-vesti personali tiegħu. A skans ta' ripetizzjoni, ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju li nhar is-7 ta' Settembru 2014, l-appellat Matthew De Giorgio kien is-*substitute* liċenżjat ta' l-istabbiliment *de quo*, kien fiżikament fuq il-post, ippreżenta ruħu mal-Pulizija bħala l-persuna responsabbli, u kwindi bħala tali l-appellat kellu jassigura, fost affarijiet oħrajn, li l-istabbiliment jagħlaq fl-erbgħa ta' filgħodu (04:00am), u li ma tindaqx mużika amplifikata li ddejjaq il-mistrieħ tan-nies. Dan 'sempliċiment' *qua* l-persuna responsabbli mill-istabbiliment dakinhar, skond il-liġi u l-permessi relattivi, u irrispettivament mill-kariga tiegħu o meno fis-soċjeta' *Elvaston Company Limited.* Għaldaqstant, dejjem bid-dovut rispett, l-esponent appellant huwa ta' l-umli fehma li anke hawn l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi meta lliberat lill-appellat abbażi tal-fatt li ma nġabitx prova li nhar is-7 ta' Settembru 2014 huwa kien Direttur tas-soċjeta' *Elvaston Company Limited*, u dana *stante* li għal dak li jirrigwarda t-Tieni (2), it-Tielet (3), u r-Raba' (4) imputazzjonijiet, l-appellat kien akkużat fil-vesti tiegħu personali bħala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell ġie preżentat mill-Avukat Ġenerali stante li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tillibera lil appellat abbażi li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi l-aħjar prova li tikkonferma li fil-ġurnata

tal-akkużi l-appellat kien effettivament direttur, manager jew segretarju tas-soċjeta' Elvaston Company Limited.

Fl-affidavits tagħhom WPS 145 Graziella Camilleri u PC 57 Matthew Buhagiar it-tnejn jikkonfermaw li wara diversi telefonati minn nies anonimi fejn kollha ilmentaw li kien hemm mużika b'volum għoli ġejja mill-istabbiliment "Gianpula Bar' u li kienet ta' inkonvenjent kbir, marru fuq il-post. Dan kien wara l-ħamsa ta' filgħodu stante li l-telefonati kienu daħlu fil-ħamsa għoxrin ta' filgħodu. Huma sabu li effettivament il-mużika kienet ġejja mill-post indikat u li kienet qed tinstema' mill-bogħod ħafna. Meta waslu fuq il-post, f'area żgħira tal-istess stabbiliment – imsejħa *Club Phoenix*- kien għad hemm in-nies u l-bars kienu għadhom iservu x-xorb u kif wkoll bil-mużika b'volum għoli għaddejja. Dan meta skont id-dokumenti esebiti fl-atti l-permessi kienu sal-4:00a.m.

Meta staqsew għal min hu responsabbli għall-istabbiliment huma tkellmu mall-appellat li ppreżenta ruħu bħala *s-substitute* liċenzjat tal-istess stabbiliment. Il-Pulizija ġibdu l-attenzjoni tal-appellat dwar kemm il-volum għoli tal-mużika u kif ukoll dwar il-laqgħa li kienet saret mas-Supretendent Bartolo ftit tal-ġimgħat qabel sabiex jaderixxi mar-regoli.

Aktar kmieni kienu marru Pulizija oħra li kienu ġibdu l-attenzjoni dwar il-mużika stante li l-ilmenti dwar il-volum qawwi kienu bdew deħlin għal ħabta tal-1:40hrs.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-appellat kien ppreżenta ruħu bħala l-persuna responsabbli meta l-Uffiċjali tal-Pulizija staqsew għal min kien responsabbli għall-istabbiliment meta marru fuq il-post.

Jekk għal grazzja tal-argument maħruġ mill-MFSA ma jurix biċ-ċar jekk Matthew De Giorgio kienx direttur fid-data 7 ta' Settembru, 2014 minn naħa l-oħra huwa preżenta ruħu bħala *substitute* tal-istabbiliment u għalhekk bħala l-bniedem responsabbli jaqa' taħt l-Artikolu 13 tal- Att dwar l-Interpretazzjoni.

Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza

appellata. Issib lil appellat ħati  ai termini tal-artikoli 41 tal-Kap 10, l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta’ Malta u 338 (m) tal-Kap 9, tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu u tikkundannah ghall- ammonizzjoni u reprenzjoni.